



Stqarrija għall-Istampa Nru 201/22

Il-Lussemburgu, 15 ta' Diċembru 2022

Konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali C-204/21 | Il-Kummissjoni vs Il-Polonja (Indipendenza u ħajja privata tal-imħallfin)

L-Avukat Ġenerali Collins: Il-liġi tal-Polonja li temenda r-regoli dwar l-organizzazzjoni tal-qrati ordinarji tagħha u dwar il-Qorti Suprema tagħha tikser id-dritt tal-Unjoni Ewropea

Il-ksur tad-dritt tal-Unjoni jikkonsisti f'li l-qrati nazzjonali jiġu mċaħħda mill-possibbiltà li jiżguraw li d-dritt tal-Unjoni jiġi applikat minn qorti indipendenti u imparzjali fil-każijiet kollha, billi l-Awla Dixxiplinari tal-Qorti Suprema tingħata ġurisdizzjoni fuq kwistjonijiet relatati mal-istatus tal-imħallfin u f'li jiġu miksura d-drittijiet tal-imħallfin għar-rispett tal-ħajja privata u għall-protezzjoni tad-data personali

Wara l-adozzjoni mill-Polonja fl-20 ta' Diċembru 2019 ta' liġi li temenda, b'mod partikolari, regoli nazzjonali dwar l-organizzazzjoni tal-qrati ordinarji u dwar il-Qorti Suprema (il-Liġi Emendatorja), il-Kummissjoni ppreżentat rikors kontra dan l-Istat Membru għal dikjarazzjonijiet li dan kien kiser diversi dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni. Il-Kummissjoni ssostni li l-Liġi Emendatorja tillimita jew teskludi l-possibbiltà għal qorti nazzjonali li tiżgura li individwi li jinvokaw drittijiet taħt id-dritt tal-Unjoni jkollhom aċċess għal qorti indipendenti u imparzjali stabbilita minn qabel bil-liġi. Il-Kummissjoni ssostni wkoll li, sa fejn il-Liġi Emendatorja tat lill-Awla Dixxiplinari tal-Qorti Suprema (iktar 'il quddiem l-"Awla Dixxiplinari"), li l-indipendenza u l-imparzjalità tagħha ma humiex iggarantiti, ġurisdizzjoni fuq kwistjonijiet relatati mal-istatus tal-imħallfin, din il-liġi taffettwa l-indipendenza ta' mħallfin li l-istatus tagħhom ikun suġġett għal sħarriġ mill-Awla Dixxiplinari. Barra minn hekk, il-Kummissjoni tallega li, billi tobbliga lill-imħallfin jipprovdu informazzjoni dwar l-attivitàjiet pubbliċi u soċjali tagħhom f'assoċjazzjonijiet u fondazzjonijiet mingħajr skop ta' lukru, inkluża s-sħubija f'partit politiku, qabel il-ħatra tagħhom, u jippubblikaw din l-informazzjoni, il-Liġi Emendatorja tikser id-drittijiet tagħhom għar-rispett tal-ħajja privata u għall-protezzjoni tad-data personali.

Il-Kummissjoni talbet ukoll lill-Qorti tal-Ġustizzja tordna lill-Polonja, sakemm tingħata s-sentenza dwar il-mertu ta' dan ir-rikors għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu, tissospendi l-applikazzjoni ta' numru tad-dispożizzjonijiet tal-Liġi Emendatorja. Permezz ta' digriet tal-14 ta' Lulju 2021¹, il-Viċi President tal-Qorti tal-Ġustizzja laqa' r-rikors tal-Kummissjoni għal dawn il-miżuri provviżorji. Fis-27 ta' Ottubru 2021, il-Viċi President tal-Qorti tal-Ġustizzja ordna² lill-Polonja tħallas lill-Kummissjoni pagamenti ta' penali ta' EUR 1 000 000 kuljum sakemm tikkonforma bis-sħiħ mad-digriet tal-14 ta' Lulju 2021 jew, jekk tonqos milli tagħmel dan, sad-data tal-għoti tas-sentenza fil-Kawża C-204/21.

Fil-konklużjonijiet tiegħu ppreżentati llum, l-Avukat Ġenerali Anthony Michael Collins isostni l-ewwel li l-Liġi Emendatorja tagħti lill-Awla ta' Sħarriġ Straordinarju u tal-Affarijiet Pubbliċi tal-Qorti Suprema (iktar 'il quddiem l-"Awla Straordinarja") ġurisdizzjoni esklużiva sabiex tagħti deċiżjoni fuq ilmenti bbażati, *inter alia*, fuq in-nuqqas ta' indipendenza ta' mħallf jew ta' qorti u sabiex tipprovdi rimedju f'dan il-kuntest. F'dan ir-rigward, l-Avukat Ġenerali

¹ Digriet tal-14 ta' Lulju 2021, Il-Kummissjoni vs Il-Polonja ([C-204/21 R](#), ara wkoll l-Istqarrija għall-Istampa Nru [127/21](#)).

² Digriet tas-27 ta' Ottubru 2021, Il-Kummissjoni vs Il-Polonja ([C-204/21 R](#), ara wkoll l-Istqarrija għall-Istampa Nru [192/21](#)).

jenfasizza li l-fatt li l-ġurisdizzjoni sabiex tingħata deċiżjoni dwar din il-kwistjoni tiġi rriżervata għall-Awla Straordinarja ma jipprekludix, **fi h innifsu**, lill-qrati nazzjonali milli jeżaminaw jekk imħallef jew qorti jissodisfawx ir-rekwiżit ta' indipendenza. Għall-kuntrarju, jekk dawn il-qrati jkollhom dubbi dwar jekk ir-rekwiżit ta' indipendenza jkunx ġie osservat, huma jistgħu jirreferu din il-kwistjoni lill-Awla Straordinarja għal deċiżjoni. L-Avukat Ġenerali għalhekk jipproponi li l-Qorti tal-Ġustizzja tiċċad ir-rikors tal-Kummissjoni sa fejn dan jikkontesta l-legalità tal-ġurisdizzjoni esklużiva mogħtija lill-Awla Straordinarja.

It-tieni, l-Avukat Ġenerali jirrimarka li l-Liġi Emendatorja **tipprekludi lill-qrati Pollakki kollha milli jqajmu jew jindirizzaw il-kwistjoni dwar jekk imħallef ikunx inħatar legalment jew ikunx jista' jeżerċita funzjonijiet ġudizzjarji**. Fil-fehma tal-Avukat Ġenerali, din il-projbizzjoni testendi lil hinn mill-obbligu ta' qorti li tastjeni milli tistħarreġ l-att ta' ħatra ta' mħallef mill-President tar-Repubblika u **tipprekludi lil dik il-qorti kemm milli teżamina kwistjonijiet dwar l-indipendenza ta' qorti**.

It-tielet, l-Avukat Ġenerali josserva li, skont il-Liġi Emendatorja, **l-eżami minn imħallef tal-osservanza tar-rekwiżiti ta' qorti indipendenti u imparzjali stabbilita minn qabel bil-liġi**, inkluża deċiżjoni li ssir talba għal deċiżjoni preliminari lill-Qorti tal-Ġustizzja, **jista' jikkostitwixxi ksur dixxiplinari**. Peress li l-Awla Dixxiplinari ma tissodisfax ir-rekwiżiti ta' indipendenza u imparzjalità³, hemm riskju ikbar li **d-dispożizzjonijiet rilevanti tal-Liġi Emendatorja jiġu interpretati b'tali mod li jiffaċilitaw l-użu tas-sistema dixxiplinari biex jiġu influwenzati d-deċiżjonijiet ġudizzjarji**.

Ir-raba', l-Avukat Ġenerali Collins jenfasizza li, għalkemm **l-Awla Dixxiplinari ma tikkostitwixxi korp ġudizzjarju indipendenti u imparzjali**, il-Liġi Emendatorja tatha ġurisdizzjoni sabiex tiegħu konjizzjoni ta' kawżi li jkollhom impatt dirett fuq l-istatus tal-imħallfin u tal-imħallfin apprendisti u fuq l-eżerċizzju tal-kariga tagħhom. Dawn il-kawżi jinvolvu rikorsi biex jiġi awtorizzat il-bidu ta' proċeduri kriminali kontra mħallfin u mħallfin apprendisti jew biex jinżammu f'detenzjoni, kawżi relatati mal-liġi tal-impjieg u tas-sigurtà soċjali li jikkonċernaw imħallfin tal-Qorti Suprema u kawżi relatati mal-irtirar obbligatorju tagħhom.

L-Avukat Ġenerali għalhekk iqis li **d-dispożizzjonijiet tal-Liġi Emendatorja dwar il-projbizzjoni fuq l-imħallfin li jeżaminaw kwistjonijiet dwar l-indipendenza ta' qorti, is-sistema dixxiplinari korrispondenti u li jagħtu lill-Awla Dixxiplinari l-ġurisdizzjoni f'dawn il-kwistjonijiet kollha jiksru r-rekwiżit ta' qorti indipendenti u imparzjali fis-sens tad-dritt tal-Unjoni**. L-Avukat Ġenerali Collins għalhekk jipproponi li **l-Qorti tal-Ġustizzja tilqa' r-rikors tal-Kummissjoni fir-rigward ta' dawn il-motivi**.

Fl-aħħar, fir-rigward tal-obbligu tal-imħallfin li jiddikjaraw is-sħubija tagħhom f'partit politiku, f'assoċjazzjoni jew f'pożizzjoni fi ħdan fondazzjoni mingħajr skop ta' lukru, u li jippubblikaw din id-data, l-Avukat Ġenerali iqis li tali rekwiżit jista' jwassal għall-**ipproċessar ta' data sensittiva** fis-sens tal-GDPR. F'dan il-kuntest, huwa jenfasizza li l-Polonja ma indikatx x'miżuri ħadet biex tissalvagwardja d-dritt tal-imħallfin għall-protezzjoni ta' tali data personali u d-dritt tagħhom għar-rispett tal-ħajja privata tagħhom, **li fi h innifsu jikkostitwixxi ksur ta' dawn id-drittijiet**.

NOTA: Il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali ma jorbtux lill-Qorti tal-Ġustizzja. Huwa r-rwol tal-Avukati Ġenerali li jipproponi lill-Qorti, b'indipendenza sħiħa, soluzzjoni legali għall-każijiet li għalihom huma responsabbli. L-imħallfin tal-Qorti tal-Ġustizzja issa qed jibdeu id-deliberazzjonijiet tagħhom f'din il-kawża. Is-sentenza tingħata f'data aktar tard.

NOTA: Il-Kummissjoni jew Stat Membru jista' jippreżenta rikors għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu, dirett kontra Stat Membru ieħor li naqas milli jwettaq l-obbligi tiegħu taħt id-dritt tal-Unjoni. Jekk il-Qorti tal-Ġustizzja tikkonstata nuqqas ta' twettiq ta' obbligu, l-Istat Membru kkonċernat għandu jikkonforma massentenza fl-iqsar żmien possibbli. Meta l-Kummissjoni tqis li l-Istat Membru ma kkonformax mas-sentenza, hija tista' tippreżenta rikors ġdid fejn titlob

³ Sentenza tal-15 ta' Lulju 2021, Il-Kummissjoni vs Il-Polonja (C-791/19, ara wkoll l-Istqarrija għall-Istampa Nru 130/21).

sanzjonijiet pekunjarji. Madankollu, fil-każ li ma jiġux ikkomunikati l-miżuri ta' traspożizzjoni ta' direttiva lill-Kummissjoni, fuq proposta ta' din tal-aħħar, il-Qorti tal-Ġustizzja tista' timponi sanzjonijiet sa mill-ewwel sentenza.

Dokument mhux uffiċjali għall-użu tal-mezzi tal-komunikazzjoni li ma jorbotx lill-Qorti tal-Ġustizzja.

It-[test sħiħ](#) tal-Konklużjonijiet huwa ppubblikat fuq is-sit web CURIA mill-jum li fih jingħataw.

Kuntatt għall-istampa: Jacques René Zammit (+ 352) 4303 3355

Ritratti tal-preżentazzjoni tal-Konklużjonijiet huma disponibbli minn "[Europe by Satellite](#)" (+ 32) 2 2964106

Ibqgħu konnessi!

